



2024/879

22.3.2024

## REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/879

tal-21 ta' Marzu 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2018/2019 fir-rigward ta' ċerti pjanti għat-tħawwil tal-*Corylus avellana*, li jorġinaw mir-Renju Unit

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4), l-ewwel subparagraph tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019<sup>(2)</sup>, abbażi ta' valutazzjoni preliminari tar-riskju, jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra ta' riskju għoli.
- (2) Wara valutazzjoni preliminari, fir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2018/2019 ġew elenkti proviżorjament 34 ġeneru u speċi waħda ta' pjanti għat-tħawwil li jorġinaw minn pajjiżi terzi, bħala pjanti ta' riskju għoli. Dik il-lista tinkludi l-ġeneru *Corylus L.*
- (3) Fil-31 ta' Marzu 2023, ir-Renju Unit<sup>(3)</sup> ressaq talba lill-Kummissjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni tal-pjanti għat-tħawwil li ġejjin: pjanti għat-tħawwil ta' mhux aktar minn sentejn ta' *Corylus avellana L.* b'dijametru massimu fil-bażi taz-zokk ta' 10 mm, pjanti bl-għeruq mikxufa għat-tħawwil ta' mhux aktar minn 7 snin ta' *Corylus avellana L.* b'dijametru massimu fil-bażi taz-zokk ta' 40 mm, pjanti bl-għeruq mikxufa għat-tħawwil ta' mhux aktar minn 15-il sena ta' *Corylus avellana L.* b'dijametru massimu fil-bażi taz-zokk ta' 20 cm li jorġinaw mir-Renju Unit ("il-pjanti rilevanti"). Dik it-talba kienet appoġġata mid-dossier tekniku rilevanti.
- (4) Fit-30 ta' Novembru 2023, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-pjanti rilevanti<sup>(4)</sup>. L-awtorità identifikat il-*Phytophthora ramorum* (iżolati mhux tal-UE) u t-*Thaumetopoea processionea* bħala pesti rilevanti għal dawk il-pjanti, evalwat il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju deskritti fid-dossier u stmat il-probabbiltà ta' ħelsien tal-pjanti rilevanti minn dawk il-pesti.
- (5) Fl-Annessi II u III tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/2072<sup>(5)</sup>, il-*Phytophthora ramorum* (iżolati mhux tal-UE) and t-*Thaumetopoea processionea* huma elenkti bħala pesti tal-kwarantina fl-Unjoni u bħala pesti tal-kwarantina f'żona protetta rispettivament.

<sup>(1)</sup> ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/2019-12-14>.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi lista proviżorja ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra ta' riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u lista ta' pjanti li ma jeħtieġ x ċertifikati fitosanitarji għall-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 73 ta' dak ir-Regolament (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 10, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2018/2019/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2019/oj)).

<sup>(3)</sup> F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (Ara d-Dikjarazzjoni Konguġta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kunitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87)) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, għall-fini ta' dan l-att, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>(4)</sup> Il-Bord tal-PLH tal-EFSA (Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti), 2024. Opinjoni Xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-komoditajiet tal-pjanti ta' *Corylus avellana* mir-Renju Unit. <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.8495>.

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implementazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2019/2072/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2072/oj)).

- (6) Abbażi tal-opinjoni tal-Awtorità, ir-riskju fitosanitarju li jirriżulta mill-introduzzjoni tal-pjanti rilevanti fit-territorju tal-Unjoni huwa meqjus aċċettabbli.
- (7) Minbarra l-pjanti rilevanti, jixraq li jiġu inklużi l-pjanti kollha bl-għeruq mikxufa għat-tħawwil ta' mhux aktar minn 15-il sena ta' *Corylus avellana* L. b'dijametru massimu fil-bażi taz-zokk ta' 20 cm, minkejja l-fatt li r-Renju Unit ressaq biss talba għal pjanti bl-għeruq mikxufa għat-tħawwil ta' mhux aktar minn 7 snin. Dan għaliex dawk il-pjanti, minħabba n-natura tagħhom bl-għeruq mikxufin, jippreżentaw riskju fitosanitarju aktar baxx mill-pjanti għat-tħawwil ta' 15 sena fil-materjal għat-tkabbir, li huma inklużi fdik it-talba u li kienu soġġetti għall-opinjoni xjentifika tal-Awtorità.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pjanti ta' mhux aktar minn 15-il sena ta' *Corylus avellana* L. b'dijametru massimu ta' 20 cm fil-bażi taz-zokk, li joriġinaw mir-Renju Unit, ma jibqgħux jitqiesu bħala pjanti b'riskju għoli. Għalhekk jenħtieġ li jitneħħew mil-lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra ta' riskju għoli fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019.
- (9) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2018/2019 għalhekk jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2018/2019 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2024.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*

## ANNESS

Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019, fit-tabella tal-punt 1, fit-tieni kolonna "Deskrizzjoni", l-entrata "Corylus L., minbarra pjanti għat-tħawwil ta' *Corylus avellana* L. jew *Corylus colurna* L. li jorġinaw mis-Serbja hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Corylus* L., għajr għal:

- pjanti għat-tħawwil ta' *Corylus avellana* L. jew *Corylus colurna* L. li jorġinaw mis-Serbja; kif ukoll
  - pjanti għat-tħawwil ta' mhux aktar minn 15-il sena ta' *Corylus avellana* L. b'dijametru massimu ta' 20 cm fil-bażi taz-zokk, li jorġinaw mir-Renju Unit."
-